# MID-DURA

50 ANNIVERSARJU

**Pubblikazzjoni informattiva mill-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti** **Volum 2023-1**



www.huntinginmalta.org.mt

**NEWSPAPER POST**
If undelivered please return to:
FKNK P.O. Box 26 Sliema SLM1055




# Rigal ta' apprezzament lil membri

Skufja 'reversible' b'żewġ kuluri b'xejn lil kull membru tal-FKNK għas-sena 2023

Iġbor l-iskufja tiegħek minn fejn iġġedded is-sħubija.

Dawk li diġa ġeddew jistaw jiġbru l-iskufja mill-post fejn inqdew billi juru l-ktieb bit-timbru tal-FKNK.



# EDITORJAL

Erġajna propju bdejna sena ġdida, fejn matul dan iż-żmien nistgħu nieqfu ftit u nħarsu lura biex nevalwaw id-diversi sfidi li kellna, b'hekk naraw li b'għaqal u responsabbiltà se nibqgħu negħlbuhom matul iż-żmien li ġej.

Waħda mill-isfidi li qed naffaċċjaw direttament lejn Mid-Dura, qed naraw li matul il-ħajja tal-lum dak kollu madwarna qed ikollu żieda fil-prezz. L-investiment ta' din il-pubblikazzjoni reġa' għola ferm u hawn qed nitkellmu fuq diversi eluf ta' ewro. Dan għaliex il-karta u l-posta reġgħet għoliet b'mod inkredibbli. Biss l-FKNK wiegħdet li se tkun qed tinvesti aktar fil-komunikazzjoni, u dan huwa propju fattur minnhom, billi ninvestu f'kull mezz possibbli biex inwasslu l-messaġġ tagħna lilkom kemm f'dak li jirrigwardja midja diġitali u anki dik tradizzjonali.

Biex din il-pubblikazzjoni tibqa' tkun possibbli li tiġi stampata u mwassla lilkom mingħajr ħlas, għandna bżonn l-għajnuna tagħkom. L-għajnuna tagħkom tiġi permezz tas-sħubija tagħkom mal-FKNK. Din il-ħarġa tinkludi informazzjoni ta' fejn wieħed jista' jġedded is-sħubija tiegħu madwar Malta u Għawdex.

Il-mottiv tal-pubblikazzjoni Mid-Dura kif tafu minn ħarġiet preċedenti, tħaddan kontenut minn diversi awturi li jikkontribwixxu b'materjal informattiv relatat mal-ambjent ta' madwarna, man-namur tal-kaċċa u l-insib; inkluż kemm aħbarijiet lokali u Ewropej, u notifiki perjodiċi ta' diversi xogħlijiet mill-FKNK li żgur ikun ta' interess lilkom relatat mal-passjoni tal-kaċċa u l-insib.

ANNIVERSARJU

**Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti - FKNK**
138, Triq il-Kunċizzjoni
Msida MSD 1831
FKNK
P.O. Box 26
Sliema SLM 1055

www.huntinginmalta.org.mt
info@huntinginmalta.org.mt

**Editur:**
Lucas Micallef

**Disinn:**
Ability Publications Ltd
2124 1317

**E-mail:**
abpublicationsltd@gmail.com

**Stampar:**
Gutenberg Press

### Għamel parti MID-DURA

Jekk hemm xi suġġett partikolari relatat direttament jew le mall-kaċċa, insib jew ambjent u tixtieq taqsam storja jew tixtieq tikteb artiklu għall-edizzjonijiet tal-pubblikazzjoni MID-DURA ġejjiena, ikteb fuq pro@huntinginmalta.org.mt

# MESSAĠĠ MILL-PRESIDENT

**Sena ġdida - Sfidi ġodda.**

Dan hu l-messaġġ tagħna waqt li naqħtu bidu għal sena ġdida, filwaqt li dan iż-żmien ikun mument opportun li nistgħu nieqfu nevalwaw is-sena li tkun għaddiet, u nibdew infasslu pjan għax-xhur ġejjiena.

L-FKNK kellha diversi ħidmiet matul is-sena 2022, bosta relatati direttament mad-diffikultajiet tal-prattiki tal-kaċċa u l-insib bħal pereżempju l-problemi li rajna ftit ġranet qabel il-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa tal-gamiem fir-rebbiegħa, inkluż il-mijiet ta' problemi affaċċjati mill-membri nassaba matul dan l-aħħar staġun relatati ma' impostazzjoni ta' kordinati tas-siti skorretti. Dawn aħna ħdimna u ħadna azzjonijiet instantament u qed nibqgħu naħdmu bla waqfien kontinwament.

Il-bieb tagħna dejjem kien miftuħ, kif propju apprezzaw u esperjenzaw diversi membri li ġew iffitxuna għall-għajnuna matul din is-sena. Ma jonqosx li ma nsemmux il-mijiet ta' telefonati li kellna kemm jiena u sħabi membri tal-Kunsill fejn assistejna għal diversi mistoqsijiet u diffikultajiet li niltaqgħu magħhom waqt il-prattika tagħna.

Propju s-sena 2023 hija sena importanti għall-FKNK, importanti għaliex hija s-sena li l-istess FKNK tiċċelebra l-50 sena anniversarju mit-twaqqif tagħha. 50 sena li ħaddnu diversi sfidi, li rriżultaw f'diversi ħidmiet, biex minkejja d-diffikultajiet kollha bqajna naħdmu mingħajr qatt ma qtajna qalbna, kemm illum fil-preżent u lanqas dawk li kienu qabilna f'din l-amministrazzjoni.

L-istess se niżguraw li dawk ta' warajna se jkollhom fondazzjoni aktar soda biex jibqgħu jimxu 'l quddiem, jegħlbu l-isfidi ġejjiena. Li ma naqtgħu qalbna qatt kienet waħda mill-pedamenti fondati mill-FKNK, u se nibqgħu nibnu fuqha għall-ġid tal-passjoni tagħna.

L-FKNK illum tħaddan viżjoni - viżjoni li hija mħaddna minn esperjenza u l-kapaċitajiet diversi fi ħdan l-FKNK. Dan biss jista' jibqa' jkun possibbli billi inti tagħmel parti minn din is-soċjetà, soċjetà li hija l-akbar tax-xorti tagħha fil-gżejjer tagħna.

Allura mhux nitolbu ħafna minnek, imma jekk inti tħobb il-passjoni tiegħek, u lest li tagħmel dak kollu possibbli biex tibqa' tgawdi dak li huwa kkonsidrat l-istil tal-ħajja tagħna, agħżel li tkun parti mill-FKNK, għax taf li dejjem kienet hemm għalik u kienet l-unika leħen li seta' biss tissalvagwardja l-prattiċi tal-kaċċa u l-insib imħaddna minn eluf ta' Maltin u Għawdxin.



Insellmilkom,

*Lucas*

# Il-FKNK fil-Parlament Ewropew jindirizzaw il-Konferenza "Kaċċa u Konservazzjoni Sostenibbli fl-Ewropa"

F'Ottubru li għadda l-MEP Alex Agius Saliba u Viċi President tal-Intergrupp tal-Parlament Ewropew (PE) "Bijodiversità, Kaċċa, Kampanja" ospitaw Konferenza dwar l-iskambju tal-aħjar prattiki: Kaċċa u konservazzjoni sostenibbli fl-Ewropa, li kienet ko-organizzata mal-Federazzjoni Ewropea għall-Kaċċa u l-Konservazzjoni (FACE), flimkien mal-membru ta' 35 sena tal-FACE, il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjoni (FKNK).

L-MEP Agius Saliba laqa' lill-parteċipanti, li kienu jinkludu rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet membri tal-FACE minn diversi pajjiżi, Ewroparlamentarji u mistednin oħra, u segwa bid-diskors tal-ftuħ tiegħu. Lino Farrugia, il-Kap Eżekuttiv tal-FKNK u Viċi President tar-Reġjun tal-Mediterran ta' FACE kompla bir-rimarki introduttorji tiegħu. Segwa filmat qasir, produzzjoni tal-FKNK, li wera l-isforzi ta' konservazzjoni tal-FKNK lejn l-ambjent naturali u l-appoġġ ta' Alex Agius Saliba lejn il-passjonijiet tradizzjonali soċjo-kulturali Maltin tal-kaċċa u l-insib.

Waqt din il-konferenza saru diversi preżentazzjonijiet mir-rappreżentanti tal-FKNK, fosthom; l-Proġett tal-FKNK dwar it-Trobbija fil-magħluq u Rilaxx fis-Selvaġġ tal-Gamiem, Il-Programm ta' Riċerka tal-Gvern Malti dwar It-Tradizzjoni Soċjo-Kulturali Rekreattiva tal-Insib tal-Għasafar tal-Għana fil-Gżejjer Maltin, l-Introduzzjoni mill-ġdid tal-Barbaġan fis-Selvaġġ u l-Proġett tal-Mixtla tal-Arbuxxelli u Siġar Indiġeni.



# X'SE JSIR MINNHOM?

minn Lino Farrugia

It-taksidermija, jew kif nifmhu ahjar ahna l-Maltin, l-ibbalzmar, huwa rikonoxxut bhala forma ta' arti madwar id-dinja kollha, u l-prodott finali, l-ghasfur jew l-annimal, li jkun immuntat, jew kif nghidu ahna, imwaqqaf, mill-balzmatur (tassidermist) jissejjah trofew (trophy). Din il-kelma 'trophy' tista' tiġi rintraċċata ghal kelma Griega antika li tindika tifkira. Il-maġġoranza tat-trofej jinkisbu mill-kaċċaturi, u dawk li jispeċjalizżaw f'din it-tip tal-kaċċa jissejhu "Trophy Hunters".



It-"Trophy Hunting" b'definizzjoni, definittivament hija kaċċa selettiva u ghalhekk sostenibbli, u tip ta' kaċċa li l-anti-kaċċa ma jistghux jittimbrawha bhala massakru, minkejja li dawn in-nies se jattakkaw kull haġa li ghandha x'taqsam mal-kaċċa, kif fil-fatt qeghdin jaghmlu fil-preżent rigward it-"Trophy Hunting". Dan billi jillobijaw u jipprovaw jinfluenzaw gvernijiet u l-politiċi rispettivi, li żgur ma jkollomx l-iċken ideja x'inhi l-kaċċa u inqas minn hekk, f'xiex tikkonsisti "Trophy Hunting", sabiex titwaqqaf l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' trofej minn pajjiż ghal iehor. Jekk tirnexxi din l-propaganda qarrieqa, din ikollha riżultat devastanti ghal konservazzjoni ta' diversi speċi, l-abitat naturali u ghar minn hekk ghal ċertu komunitajiet etniċi li jiddependu ghal propju ghajxin taghhom mill-kaċċa. Dawn l-anti-kaċċa ma jistghux jifhmu, jew pjuttost ma jridux jifhmux, li sempliċement m'hemm l-ebda mod iehor biex taghmel kuntatt man-natura hlief permezz tal-kaċċa; mhumiex lesti jaċċettaw il-kontribuzzjoni ghall-konservazzjoni tal-ambjent naturali permezz tal-kaċċa; jonqsu milli jifhmu li n-numru żghir ta' speċi mehuda b'mod selettiv mill-kaċċaturi tat-trofew jikkontribwixxu b'mod enormi ghas-sopravivenza tad-diversi speċi u l-protezzjoni tal-habitat taghhom, l-eżempju perfett ta' Konservazzjoni permezz tal-Utilizzazzjoni, filwaqt li taghti lill-kaċċaturi l-opportunità li jgawdu hin fl-ambjent naturali, jitghallmu kuljum mill-esperjenzi taghhom u b'hekk jarrikkixxu hajjithom b'hafna modi. Le, l-anti-kaċċa qatt mhu se jifhmu dawn il-kunċetti ta' konservazzjoni mill-kumditajiet tal-pultruni taghhom. Huma jakkużaw lill-kaċċaturi li huma privileġġjati. OK, iva, il-kaċċa hija privileġġ moghti minn Alla li ahna filwaqt li l-anti-kaċċa le. Fl-opinjoni tieghi dan il-privileġġ iwassal ghal ghira, li tipproduċi l-mibeghda lejn il-kaċċaturi tal-anti-kaċċa.

Imma biżżejjed dwar dan, peress li nista' nkompli ghal dejjem, u ninsa l-messaġġ li nixtieq inwassal permezz ta' dan l-artikolu.

Ix-xewqa li jintwerew trofej ta' ghasafar jew annimali hija karatteristika naturali tal-maġġoranza tal-kaċċaturi, madankollu, wiehed isib ukoll kolletturi ohra ta' trofej bhal dawn minbarra kaċċaturi, li hafna minnhom qatt ma kkaċċjaw xejn f'hajjithom, imma dawn jixtru u jiskambjaw trofej biex itejbu l-kollezzjonijiet taghhom. Dawn il-kolletturi, kaċċaturi u le, ġeneralment nirreferu ghalihom bhala dilettanti tal-vetrina.

Bil-kaċċa f'demmna u l-mod ta' hajjietna (way-of-life), ahna l-kaċċaturi ghandna passjoni intrinsika li nutilizzaw kull parti ta' kull ghasfur jew annimal li naqbdu, minghajr hela. Il-laham ghall-konsum u l-ġilda ghal trofew immontat, iżda mhux biss. Dan peress li hafna ġlud, "antlers" u qrun u partijiet ohra ta' annimali, huma maghmula fi "throws", tapezzerija, kuxxini, portmonijiet, kaxxi, sfafar, mankijiet ta' skieken, eċċ, filwaqt li ġilda "tanned" minghajr il-xaghar issir l-aktar ġilda (leather) inkredibbli. Din il-lista hija twila kemm il-hila kreattiva ta' dak li jkun!

L-abbilità tat-taksidermija tvarja minn eċċelenti ghal pjuttost litteralment imbarazz. Il-pijunieri fit-taksidermija kienu jinqdew billi jittrattaw il-ġilda bil-melh, l-alum, u s-sapun arseniku, imbaghad ihituha fuq qafas ta' vireg tal-hadid u injam; din il-forma mbaghad kienet timtela bit-tiben u tafal imxarrab, jew ċraret, u skart tal-qoton. Il-muntatura mbaghad kienet tinghata l-forma b'taghfis tal-idejn u b'daqqiet ta' speċi ta' lembuba. Mill-banda l-ohra, it-tassidermist tal-lum jaghmel użu minn forom tal-polyurethane lesti (manikini jew "body") ta' daqsijiet, forom u qaghdiet differenti, irid ikun xorta skultur, pittur, mastrudaxxa, welder, u fotografu, b'fehim shih tal-anatomija u l-muskolatura tal-ghasafar u tal-annimali.

Il-muntaturi kollha huma sfida ghal kull tassidermist tal-affari tieghu. Xejn mhu sempliċi, u ghalhekk tassidermist modern huwa mistenni li jkollu talent artistiku kbir u riċerkatur ta' l-ahjar metodi, kimiċi u ideat ġodda. Huwa/hija jrid jaqra kull pubblikazzjoni dwar it- taksidermija li jista jiltaqa maghha, u fuq kollox ikollu ġabra ta' referenza ta' kejl u ritratti mehuda fl-ambjent naturali tal-ghasfur/annimal partikolari. Muntatura tal-oghla klassi ghandha tiżgura l-konformazzjoni xierqa tal-ghajnejn, l-eżattezza tal-widnejn u l-vini (f'muntatura tal-annimali), u l-istandard ta' kwalità gholja tat-"tanning", filwaqt li l-hjata ghandha tkun żghira u prattikament inviżibbli. Ghalhekk tassidermist tajjeb se juża l-oghla kwalità u l-aktar materjali li jidhru naturali ghall-ghajnejn, il-halq, is-snien u l-ilsien (l-ahhar tliet oġġetti ovvjament jirreferu ghal muntaturi tal-annimali). Anki l-pedestal li qieghed jintuża illum żviluppa u minn sempliċi biċċa njama sar biċċa xoghol ohra ta' arti, fejn hafna drabi juri l-abitat naturali li normalment ikun fih l-ghasfur u/jew l-annimal ibbalzmat.



Ghalhekk, jien nghid, li spiċċa ż-żmien ta '"oġġetti mimlijien" li jxerrdu tiben niexef ma kullimkien hekk kif il-ġilda tinxef u tinqasam. Hija l-marka finali ta' rispett lejn ghasfur jew annimal li jinghatha lil artist tas-sengha li jista' jaghtih l-immortalità u jaghmlu, tabilhaqq, trofew.

Trofew immuntat eċċellenti huwa wkoll ir-riżultat tal-attenzjoni inizjali li tinghata fl-ghalqa meta jittiehed l-ghasfur jew l-annimal. Is-shana, kif nafu normali f'Malta, kif ukoll f'xi pajjiżi ohra fejn issir il-kaċċa, bhall-Afrika, hija l-aghar ghadu. Ghalhekk, meta jittiehed xi ghasfur fil-gżejjer Maltin, dan ghandu idealment jitgeżwer b'mod laxk f'karta u jitqieghed x'imkien fid-dell u jitpoġġa biss f'borża tal-plastik minghajr arja (air-tight) meta jitpoġġa fil-friża. Jekk ghasfur huwa mahsub ghal trofew, ladarba jittiehed, kull preżenza ta' demm ghandha tintmesah mir-rix u biċċa "tissue" jew tajjara titqieghed ġewwa l-halq. L-ghasfur jista' jiddahhal rashu l-ewwel f'kalzetta jew jitgeżwer b'mod laxk f'karta u jitqieghed biss f'boroż tal-plastik bla arja fil-friża sakemm jitwassal lit-tassidermist. Xi tassidermist isostni li huwa ahjar li tintewa ras l-ghasafar taht il-ġwienah ghall-protezzjoni massima. Jekk ghandu jiġi mmuntat fenek mehud lokalment, dan ghandu jitnaddaf mill-intern fil-post li jittiehed (u hawn it-tiċrieta biex jitnaddaf ghanda jsir żghira kemm jista jkun), u mbaghad jiġi ttrattat kif spjegat ghal ghasfur.

Meta l-ghasafar u l-annimali, li jkunu bi hsieb li jiġu mmuntati, jittiehdu f'xi pajjiż barrani, fir-rigward tal-ghasafar, u jekk dawn eventwalment jinġiebu Malta ghall-immuntar lokali, dawn ghandhom idealment jiġu mqaxxra u mmellha (b'melh ta' kwalità tajba), qabel jitpoġġew individwalment f'boroż tal-plastik minghajr arja u ffriżati. Rigward annimali mehuda barra l-pajjiżna, l-kaċċatur ghandu jimxi mal-parir tal-"Professional Hunter" tieghu. Jekk l-annimal ghandux jitnaddaf mill-intern fuq il-post, kif l-ahjar jittrasporta l-annimal biex jittiehed biex jitqaxxar u jinghata l-melh, dan sabiex tiġi evitata kwalunkwe hsara irreparabbli fill-ġilda ta' barra, jittiehdu l-qisien tal-animal, u l-ghażla ta' tassidermist (ghalkemm il-kaċċatur ghandu kull dritt jaghżel xi tassidermist li forsi jkun diġa



ħadem bih qabel), kemm jekk dak it-tassidermist se jkun responsabbli għall-prodott lest jew sempliċiment biex jippreparah, "Dip & Pack" jew "Tan & Ship", qabel jintbgħat lejn Malta. Hawnhekk nagħti parir li żjara lil dan it-tassidermist hija importanti u essenzjali biex dak li jkun jara b'għajnejh u jaċċerta ruħu mill-operat.



Huwa raġunevoli li l-aqwa tassidermisti għall-muntaġġ tal-annimali huma n-nies tal-lokal ta' dak il-pajjiż partikolari, li ħafna minnhom ma joperawx sempliċi studio ta' bniedem wieħed, iżda fabbriki b'għexieren ta' impjegati. Madankollu, u wara li kelli x-xorti nagħmel żjarat f'diversi wirjiet tat-taksidermija, kompetizzjonijiet u wkoll mużewijiet tal-istorja naturali u ta' trofej tal-kaċċa f'diversi pajjiżi barranin, nista' nistqarr mingħajr tlaqlieq li fl-opinjoni tiegħi t-tassidermisti Maltin huma l-aqwa fit-taksidermija tal-għasafar.

Bħal kull prodott bijodegradabbli, trofew jeħtieġ manutenzjoni xierqa jekk għandu jibqa' f'kundizzjoni tajba, speċjalment dawk li mhumiex magħluqa f'vetrina. Jien inqiegħed ftit boċċi tal-kamla ġewwa vetrina bħal din bħala prekawzjoni miżjuda, u nibdilhom kif u meta meħtieġ. Apparti li tassidermist li jaf is-sengħa tiegħu jiżgura li jittratta l-ġilda kif suppost qabel l-immuntar, billi juża kimiċi u proċessi li jipprevjenu li din tiġi attakkata minn insetti u kamla fi stadju aktar tard, għedewwa oħra tat-trofew, speċjalment dawk li mhumiex magħluqa f'vetrina huma żgur l-umdità u d-dawl tax-xemx diretta, t-tnejn li huma elementi naturali li mhumiex neqsin fil-gżejjer Maltin.

Normalment jien nagħmel il-manutenzjoni regolari tat-trofej tiegħi billi nisprejja, filwaqt li nevita l-għajnejn u l-imnieħer ta' trofew ta' annimal, "Taxidermy Protector Spray" li kont nimporta mir-Renju Unit sal-Brexit! Sfortunatament, prodott bħal dan li jrid ikun fih il-kimika "Cypermethrin" jew "Permethrin" mhuwiex disponibbli fis-suq lokali, ukoll kif mhuwiex disponibbli l-isprej speċjali li jien nimporta mill-Ġermanja li nuża biex nisprejja kwalunkwe "antlers" jew qrun tal-annimali trofej fil-pussess tiegħi.

Madankollu, manutenzjoni regolari xorta tista jsir permezz tat-tfarfir ħafif tat-trofej. Dak li jien sibt li huma "dusters" ideali għal xogħol bħal dan huma dnub tal-fenek jew tal-volpi mmuntati fuq virga. Kamoxxa niedja b'xi spirti "surgical" jew "methylated" tista' tintuża wkoll biex jintmesaħ it-trofew, speċjalment għall-użu fuq muntaturi tal-annimali, f'liema każ għandu jintuża sprej ċar "lacquer" għall-imnieħer u tikka "window cleaner" għall-għajnejn. Kwalunkwe "antlers" jew qrun ta' trofew jistgħu jintmesħu bi ftit lostru taż-żraben, madankollu, l-użu ta' żejt, gliċerina jew pitrolju għandu jiġi evitat akkost ta' kollox.

Meta wieħed ikollu xorti u spazju biżżejjed biex jiġbor il-muntaturi kollha f'kamra waħda, imsejħa "Trophy Room", din għandha tkun iffumigata kull tant żmien ukoll.



Il-manutenzjoni tal-għasafar u annimali bbalzmati twassalni għar-raġuni tat-titlu ta' dan l-artiklu, għax jiena ċert li f'dan l-istadju, bosta qarrejja qegħdin jistaqsu x'għandu x'jaqsam it-titlu mat-taksidermija, filwaqt li oħrajn jistaw qegħdin jaħsbu li ż-żmien wassalni biex nitlifa jew qabżitli! Nirringrazzja l'Alla xejn minn dan, s'issa, għalkemm huwa l-ħafna żmien li llum għandi li ġagħlni naħseb u newden x'se jsir mill-kollezzjoni ta' għasafar u annimali bbalzmati tiegħi? x'se jsir minn dawn it-trofej kollha tant għall-qalbi li kull wieħed iġibli tant memorji sbieħ ta' kaċċa? x'se jsir mill-kollezzjoni tiegħi li hija investiment jew riżera, se tispiċċa tintrema? x'se jsir mill-"vetrina" tiegħi wara mewti! U dawn il-ħsibijiet u tewdin, koroh, ġewni waqt li kont qiegħed nagħmel il-manutenzjoni ġenerali li nagħmel darbtejn, x'imdaqqiet tlett darbiet, fis-sena, fuq kull biċċa xogħol li għandi bbalzmata.

Kwalunkwe kollezzjoni tista tkun assigurata bħala parti mill-assigurazzjoni tad-dar ta' dak li jkun matul ħajtu, u iva, l-kollezzjoni tista tithalla permezz ta' testment lill-werrieta, jew forsi lil xi mużew tal-istorja naturali jew università li jistgħu jservu wkoll bħala mudelli għal studji xjentifiċi, jew kieku l-aħjar lil xi ħadd, kaċċatur jew kollettur li jista japprezza l-valur tagħha. Pero kemm hawn min jaħseb u jagħmel hekk? U jekk ħadd mill-werrieta ma jkun tinteressah jew japprezza l-kollezzjoni (l-aktar, forsi, xi werriet iżomm xi trofew bħala tifkira tal-mejjet), jew il-mużew, l-università u forsi anki l-kaċċatur jew il-kollettur ma jkollux spazju fejn iżomma? Hija ħassra, ħela u sfortuna li filfatt il-maġġor parti tal-kollezzjonijiet jispiċċaw jintremew wara l-mewt ta' sidhom.

Hija ħaġa raġunata, li ħadd, ħlief sid il-kollezzjoni, m'hu se japprezza l-valur sentimentali u l-memorji sbieħ, x'aktarx ta' xi kaċċata, li kull trofew joffri lis-sid. Kif ukoll, ħlief forsi għal xi kollettur, ftit huma dawk li jkollom ideja tal-valur monitarju. Naf ħafna kaċċaturi, inkluż jien, li ma tantx joqodu jiftaħru mall-mara kemm jonqfu fuq il-kaċċa, jew kemm tiġi tiswa mawra għall-kaċċa f'pajjiż ieħor! Għaldaqstant, il-werrieta ma jkollomx tort li ma jkollomx l-iċken ideja kemm se jaqbdu jitolbu jekk forsi jitħajru jbiegħu xi trofew partikolari jew il-kollezzjoni.

Illum il-ġurnata l-ibbalzmar ta' xi għasfur, pereżempju daqs ta' gamiema, u pedestal xieraq malajr jiswa €100. Imbagħad, għal xi tropew ta' xi animal, kemm jekk isir minn tassidermist lokali jew minn wieħed fil-pajjiż fejn ikun ittieħed l-annimal, meta tiġi kkalkulata kemm tkun swiet il-mawra, ix-"shipping" biex it-trofew jasal Malta, eċċ., il-prezz jitla għal eluf ta' ewro. Barra minn hekk, jekk it-trofew ikun ta' xi speċi rari, pereżempju "short-billed woodcock"; jew jekk l-annimal isirx sħiħ (full-body), jew "shoulder mount", jew "European Mount" (l-"antlers" jew il-qrun fuq l-iskeletru tar-ras) u dak l-annimal jikkwalifika bħala "Medal Trophy", Deheb, Fidda jew Bronż, skond il-punti li jikseb fuq kejl speċjalizzat ta' awtorita' rispettiva, bħas-CIC [International Council for Game and Conservation] u oħrajn; jew dak it-trofew ikun rebbieħ f'xi kompetizzjoni; allura, f'dawn il-każijiet il-valur monitarju jkompli jiżdied.





Fl-opinjoni tiegħi, s-soluzzjoni aħħarija hija t-twaqqif ta' Ċentru ta' Wirjiet tat-Trofi tal-Kaċċa (Hunting Trophies' Exhibition Centre), liema esebiti, pereżempju, jistgħu jiġu fdati lil "Trust Company" uffiċjali, li tamministra kull tip ta' kollezzjonijiet f'isem u skont l-istruzzjonijiet ikkuntrattati tal-kollettur, kemm matul il-ħajja tal-istess kollettur kif ukoll wara mewtu. B'hekk, meta xi kollezzjoni jew parti minnha, għal xi raġuni jew oħra, ma tittieħidtx mill-werrieta, jew ma tiġiex aċċettata mill-Mużew, il-kaċċatur, il-kollettur, jew ma tinbiehx, tkun tista tiġi esebita u apprezzata minn kull min jista jkun interessat fiċ-Ċentru li semmejt.

Jiena naf li l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) bħalissa qegħda taħdem u tiddiskuti dawn il-problemi għall-ġid immedjat ta' eluf ta' membri tagħha. L-akbar sfida hija t-twaqqif u l-operat taċ-Ċentru. Madankollu, u peress li esperti fis-suġġett huma disponibbli kemm fi ħdan il-FKNK kif ukoll l-Membru Affiljat tagħha "The Malta Taxidermy Federation" (u hawn ma nistax ma nerġax nirringrazzja lil din il-Federazzjoni talli eleġġitni bħala Membru Onorarju tagħhom), jien żgur li naslu għal soluzzjoni, u jien, flimkien ma' eluf ta' oħrajn, nista' nistrieħ aħjar meta eventwalment inħalli din id-dinja għal "happier hunting grounds".



REFERENZI:

Bullock, J. (2022) A frame of MEMORIES. African Hunting Gazette. Vol 27.4/28.1 Apr-Sept (Summer/Fall) 2022.

Lendrum, R. (Publisher, n. d.) Taxidermy and Trophy Shipping. African Hunting Gazette. Montana: USA.

Lendrum, R. (Publisher, n. d.) The Perfect Trophy. African Hunting Gazette. Montana: USA.

Oosthuizen, J. (2020) Professional Hunter Questions and Answers. African Hunting Gazette. Vol 25 Issue 3 Spring 2020.

# TNISSIL MIL-ISPONSUN

minn Roderick Abela

L-isponsun huwa għasfur sabiħ immens, popolari ħafna mal-Maltin u anke *breeders* barranin. Huwa għasfur robust ħafna, fost lanqas delikati minn tal-għana kollha u għasfur li jgħix tul ta snin.

Bħala dieta matul is-sena l-isponsuni jieklu taħlita varjata ta' żrieragħ ta kull tip. Taħlita bħal dik tal-vrieden hija tajba. Jiena nħobb nagħlef ħafna l-pellets għax hija dieta bilanċjata ħafna għal kull tip ta' għasfur.

Normalment l-isponsuni jibdew ġejjin bin-namra sew u jibdew jbidu għal aħħar t'April. Tibda tara munqar r-raġel jiskura sew sakemm jiġi kulur iċ-ċomb u l-għana tiegħu tibda żżid sew.

Bħal ħafna speċi, huwa rakkomandat li jintelqu par għalihom ġo guva weħidhom. Hekk inqas hemm ċans li jkun hemm ġlied ma għasafar oħra. Pero ngħid għalija jiena esperimentajt anke b'suċċess fejn tlaqt raġel ma żewġ nisa u ġo guva ma għasafar oħra bħal vrieden, ekri u *redpolls*.

L-isponsuni huma magħrufa għal bejta sabiħa mmens li kapaċi jagħmlu minn tajjar u materjal abjad, li jagħmilhom daqs l-aqwa ħajjata. Bħala reċipjenti għal-bejta tista tuża varjeta kbira ta' bieqji, kaxxi miftuħa u mhux l-ewwel darba li jagħmlu bejta letteralment mal-art. Huma għandhom ħabta jagħmlu xi xahar jġorru t-tajjar u jwaqqaw mal-art sakemm jġibu l-qiegħ tal-guva abjad. Jekk ma tkunx taf biha din il-ħaġa jqattawlek qalbek, għax malli tarhom ha jibdew jġorru taħseb li se jbidu mal-ewwel, imma għandhom ħabta jdumu jilgħabu.

Għaldaqstant meta jagħmlu ġimgħat jxerrdu biċċiet żgħar ta' tajjar mal-art, ġieli tibda toġgħobhom l-idea tant li jagħmlu ħofra fit-tajjar mal-art u jbidu hemm.

Normalment jbidu minn 3 sa 5 bajdiet u jbidu 3 t'ibtan. Il-bajd jkun kulur blu. Meta jfaqqsu l-friegħ jkunu skuri ħafna kważi suwed u meta jibdew jikbru ftit jibdew jiċċaraw.

Simili ħafna għal għasafar oħra tad-dud, ma tistax tnissel mil-isponsuni mingħajr dud. L-ewwel ħaġa bid-dud l-isponsun jiġi f'kundizzjoni tat-tnissil billi fix-xhur ta' qabel April dejjem nagħtu dud b'aktar frekwenza. Meta huma jfaqqsu l-friegħ imbagħad jeħtieġu kwantita kbira ta dud. Jiena nuża varjeta ta' dud tal-friża sterilizzat bħal *pinkies, hermetia, buffalo, waxworms* u *mealworms*.

L-ewwel sitt t'ijiem jżoqqu dud biss. Minħabba din r-raġuni diffiċli (għalkemm mhux impossibbli) li tqedhom taħt għasafar oħra (fostering) u jsalvawhom. Bħala supplimenti dan iż-żmien importanti ħafna li jingħataw il-kalċju u manjesju biex l-iskeletru tal-għasfur li jkun qed jikber malajr b'rata maġġhla ħafna, jikber sew. Bħala ċurkett jiġu rringjati b'ċurkett daqs 'Ċ'. Ġieli ntuża ċurkett 'D' ukoll u huwa aċċettat għax ma joħroġx minn sieq l-għasfur meta jikber, pero daqs 'Ċ' huwa tajjeb u daqs uffiċjali għal isponsun.

Bħala trattamenti ta' prevenzjoni jien ma nagħti xejn lil-isponsuni għax kif għedt rarament jkollhom problemi, jekk jkun mitmugħa sew b'dieta bilanċjata u jkollhom ambjent tajjeb u nadif.



Illum il-ġurnata hawn diversi mutazzjonijiet tal-isponsun. Dan jixhed ukoll kemm qed jsir għasfur iddomestikat u jitnissel mingħajr ħafna problemi jekk wieħed jieħu ħsieb dawn il-ftit affarijiet basiċi.

Interessanti ħafna ukoll huwa l-fatt li l-isponsun għandu diversi sotto speċi anke fiż-żona tal-mediterran, bħal dik tal-Afrika (ssp Afrikana, Spodiogenys), kif ukoll aktar il-bogħod bħal ta' Madeira, Las Palmas u Azores u postijiet oħra.

Jiena personalment nara s-sotto speċi Afrikana, mod partikolari dik Spodiogenys bħala l-isbaħ fost din ir-razza tal-Isponsun, għasfur aktar kabbari u kuluri isbaħ fl-opinjoni tiegħi.

Għasafar oħra relatati huma, l-isponsuni Blu tal-Canary Islands (Fringilla Teydea u Fringilla polatzekili), li huma meqjusa speċi separati mhux sotto speċi. Ir-raġel huwa sponsun sabiħ immens, kollu blu u ta' daqs ikbar ħafna mil-isponsun nominali.

L-isponsun selvaġġ (Brambling) Fringilla montifringilla, huwa ukoll relatat mal-isponsun għalkemm kuluri u għajta totalment differenti. Fil-fatt tant hu hekk illi sponsun raġel ma huwiex fertili ma ebda speċi oħra ħlief ma' mara tal-isponsun selvaġġ u viċi versa. Mil-banda l-oħra n-nisa ta' dawn iż-żewġ speċi jkunu fertilizzati minn għasafar oħra bħal verdun, kanarini u xi oħrajn pero mhix biċċa xogħol faċli xejn.

Jiena nqis l-isponsun bħala għasfur ideali għal min jixtieq tikka sfida mhux tas-soltu, li kif għedt bi ftit ħsieb twassal għal sodisfazzjon fit-tnissil. Meta tingħeleb l-isfida tat-tnissil, imbagħad d-dilettant jkollu għasfur sabiħ b'għana sabiħa li jista' jgawdi fit-tul mingħajr wisq problemi.

# SOMMARJU TA' AĦBARIJIET SALJENTI TA' DAWN L-AĦĦAR XHUR U ĠIMGĦAT…

**Making Malta Greener**

Membri tal-FKNK Jibbenefikaw Minn 'il fuq minn 9000 Tqassim B'xejn ta' Arbuxxelli u Siġar. Dan grazzi għall-arranġament li sar bejn Ambjent Malta u l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) bosta membri tal-FKNK ingħataw bla ħlas il-fuq minn 9000 pjanta ta' arbuxell u siġar
minn 21 speċi diversi sabiex iħawluhom fl-għelieqi tagħhom, liema pjanti ġew mingħand Ambjent Malta.

**BirdLife Malta Ferħana li Instigaw Kawża Oħra Fil-Qorti Ewropea Kontra l-Gvern Malti**

B'referenza għall-ferħ u kuntentezza li qegħdin jesperjenzaw il-BirdLife Malta fil-preżent, peress li għal darb'oħra irnexxilhom jinstigaw il-Kummissjoni Ewropea biex tiftaħ Kawża kontra l-Gvern Malti fil-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, din id-darba minħabba r-riċerka li għamlu n-nassaba f'dawn l-aħħar tlett snin, il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK), li mill-bidu nett appoġġjat bis-sħiħ il-program tar-riċerka, qegħda twiegħed li b'konsultazzjoni sħiħa mal-FACE (Federazzjoni Ewropea għall-Kaċċa u l-Konservazzjoni), il-FKNK se terġa' toffri r-riżorsi kollha u l-appoġġ sħiħ tagħha, inkluż il-kompetenza teknika u legali tagħha, lill-Gvern Malti, anke f'isem l-eluf ta' membri nassaba tagħha.

**Il-Prim Ministru Jiltaqa' Mall-FKNK**

Delegazzjoni mill-Kunsill tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK), għamlet żjara ta' kortesija lill-Onorevoli Prim Ministru Robert Abela fl-uffiċċju tiegħu f'Kastilja, il-Belt Valletta. It-taħditiet ikkonċernaw is-sitwazzjoni ġenerali dwar il-kaċċa u l-insib, il-proġetti ta' konservazzjoni tal-FKNK tal-preżent u impriżi simili fil-pjanijiet tal-FKNK fil-futur qarib. Ġie diskuss ukoll l-involviment tal-Federazzjoni ma' diversi Ministeri w Awtoritajiet tal-Gvern, kif ukoll mal-UE.

**Il-FKNK Tagħmel Donazzjoni B'risq l-Inizzjattiva 'Paw Walk' Organizzata minn Jake Vella**

Il-President u rappreżentanti tal-FKNK għaddew donazzjoni sabiħa lil Jake Vella għall-inizjattiva 'Paw Walk' li wettaq ftit tal-jiem ilu b'risq l-annimali abbandunati.
Ilkoll kemm aħna konna ferm inspirati bil-kuraġġ u bil-pożittività ta' Jake f'dawn il-mumenti.

**Ippubblikat Dossier tal-FKNK Dwar il-Futur Immedjat Ta' l-Użu Taċ-Ċomb**

Il-President, Lucas Micallef, u l-Kap Eżekuttiv, Lino Farrugia, tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) ippubblikaw Dossier bit-titlu "Il-Futur Immedjat ta' l-Użu taċ-Ċomb fil-Munizzjon".

**Viżjoni Pożżitiva Għall-Kelb tal-Kaċċa Ta' Malta**

Fil-jiem li għaddew il-President tal-FKNK Lucas Micallef, attenda għall-laqgħa imnieda mill-Klabb Klieb tal-Kaċċa ta' Malta fi ħdan l-istess FKNK. Din il-laqgħa ħadnet pjan ħolistiku biex ir-razza tal-Kelb tal-Kaċċa ta' Malta tibqa' tiġi salvagwardjata u promossa fuq livelli lokali u internazzjonali.

L-aktar punt importanti kien li għanda titnieda riċerka xjentifika intensiva li ma diversi istituzzjonijiet Ewropej. Din ir-riċerka se tkun qed tindirizza diversi difetti ta' saħħa ġenetiċi preżenti fir-razza biex b'hekk is-salvagwardja w t-tnissil tar-razza jsir b'mod aktar responsabli.

**Aktar Donazzjonijiet Għas-Suċċessi li Qiegħed Jikseb il-Proġett tal-Gamiem tal-FKNK**

Għas-sitt sena konseguttiva, l-grupp ta' kaċċaturi u nassaba membri tal-FKNK mis-'South' ta' Malta, immexxija mis-Sur Pierre Annati, ġabru s-somma sabiħa ta' €3017 bħala donazzjoni għall-Proġett tal-Gamiem tal-FKNK.

Maħhom, u għat-tieni sena konsekuttiva, reġaw ingħaqdu l-Għaqda Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti – Distrett Żurrieq fi ħdan l-FKNK, li kienu mmexxija mill-President is-Sur Anthony Borg, li ġabru somma sabieħa oħra ta' €185 għall-istess kawża.

**Festin tal-Milied Għat-Tfal**

Il-Kummissjoni għar-Relazzjonijiet Pubbliċi u Edukattivi (KRPE), fi ħdan il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK), organizzat festin tal-Milied għat-tfal tal-membri tal-istess FKNK fis-sala 'Carousel' fiż-Żurrieq.
Il-viżjoni tal-FKNK hija li fix-xhur li ġejjin magħtul is-sena l-ġdida, jibqaw jiġu organizzati aktar attivitajiet għat-tfal tal-membri tal-FKNK.

**Il-FKNK u r-Riservi tal-Miżieb u l-Aħrax**

B'referenza għas-Sentenza tal-Qorti mill-Imħallef Lawrence Mintoff, li ngħatat fid-9 ta' Novembru 2022 fil-Kawża tal-Appell dwar ir-Riservi fil-Miżieb u l-Aħrax, liema Riservi ilhom amministrati mill-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) mill-1986, l-FKNK qegħda titlob laqgħa mall-Onorevoli Prim Ministru.
Filwaqt li l-FKNK terġa tispeċifika li hi ma kienetx parti minn din il-kawża, nnotat b'sodisfazzjon l-istqarrija relativa tal-Gvern tad-9 ta' Novembru stess. Daqstantieħor, il-FKNK b'sodisfazzjon ukoll innotat id-diversi stqarrijiet li sussegwentement taw awtoritajiet tal-Gvern u Ministri, in partikolari li ftehmiet simili bħal dan tal-Mizieb u l-Aħrax, li għandhom awtoritajiet tal-Gvern u Ministeri ma NGOs oħra, ser ukoll jiġu riveduti, minkejja li dawn il-ftehmiet ma jidhirx li kienu qatt ippubblikati kif l-ftehim tal-Miżieb u l-Aħrax kien ġie ppublikat b'mod immedjat u għadu aċċessibli online sal-lum.

**Il-FKNK Tipparteċipa F'attivita' tal-MEP Alex Agius Saliba**

l-MEP Alex Agius Saliba, organizza attivita' għall-familja kollha, ukoll b'koperazzjoni tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK).
Il-bosta familji bit-tfal li attendew setgħu idunqu u ingħataw informazzjoni tal-għasel li offriet il-Malta Beekeepers Association, kien hemm logħob għar-rikreazzjoni tat-tfal, filwaqt li Dr. Agius Saliba qassam xtieli tal-ħarrub lil dawk preżenti kif ukoll lill-FKNK sabiex dawn jitħawlu fir-Riservi tal-FKNK tal-Miżieb u tal-Aħrax. Fost dawk preżenti kien hemm ukoll is-Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, is-Sur Dario Vella u rappreżentanti oħra mill-istess Kunsill Lokali, Uffiċjali mill-Kunsill u membri oħra tal-FKNK u Uffiċjali mill-Kumitat tal-Għaqda Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti – Mellieħa.
Il-FKNK, permez tal-Membru, Chef Mark Cauchi, li kien mejjun minn Membri oħra tal-FKNK, hadet ħsieb ukoll il-provista u t-tisjir b'kombinazzjoni ma' l-għasel ta' summien u ikel ieħor li kien offrut lil dawn preżenti.

# L-ISTORJA U L-EVOLUZZJONI TAL-PORVLI

minn Terry Manning

**Atlanta Chapter SAR Source: Jack Kelly, Gunpowder – Alchemy, Bombards, & Pyrotechnics:- The History of the Explosive that Changed the World (Basic Books: New York, 2004)**

L-istorja tal-porvli hija waħda miżgħuda bi żbalji, illuminazzjonijiet u sperimentazzjonijiet. Il-porvli kellu l-bidu tiegħu fiċ-Ċina meta l-bnedmin bdew jesperimentaw bix-xjenza tal-kimika. L-Ewropej ukoll kienu skoprew il-porvli fl-istess żmien, jiġifieri fis-seklu sitta, iżda kienu jistudjaw il-kimika bl-iskop li jsiru sinjuri. L-esperimentazzjoni tagħhom fil-kimika kienet diretta lejn l-alkemija, jiġifieri t-trasformazzjoni tal-metalli komuni f'deheb. Iċ-Ċiniżi iżda studjaw il-kimika bi skop differenti: biex isibu l-eliżir li seta' jwassal biex il-bniedem jgħix iżjed fit-tul – riedu jsibu l-Funtana taż-Żgħożija permezz tal-kimika.



Iċ-Ċiniżi raw li kien ikun hemm effett fuq saħħithom wara li jibilgħu ċerti taħlitiet bil-ħwawar jew jixorbu ċerti xarbiet likwidi, bħal ngħidu aħna jfiqu minn xi wġigħ ta' stonku jew uġigħ ta' ras. Allura, il-għaliex it-taħlita t-tajba ta' ingredjenti naturali ma setgħetx ittawwal ħajjithom ukoll? Żgur li l-bniedem li jirnexxilu jiskopri tali eliżir kien isir l-akbar sinjur u forsi wkoll, kien jgħix għal dejjem. Din il-ħolma wasslet biex eluf ta' nisa u rġiel bdew jesperimentaw fl-arti tal-kimika. Dan il-proċess ta' taħlit ta' mijiet ta' ingredjenti flimkien spiċċa wassal għal bosta skoperti li l-ebda waħda minnhom ma rriżultat fil-ħajja fit-tul, iżda li waħda minnhom wasslet minflok biex temmet eluf ta' ħajjiet: il-porvli.

Probabbli l-eqdem dokumentazzjoni ta' xi forma tal-porvli ġejja minn ktieb li jmur lura għas-sena 850 wara Kristu. Il-ktieb waqqa' l-pretensjoni ta' 35 eliżir maħsubin li jtawlu l-ħajja tal-bniedem, filwaqt li nnota li wieħed minnhom, magħmul minn taħlita ta' nitrat tal-potassju, kubrit u għasel imnixxef (sors ta' karbonju), meta msaħħan, kien jagħmel duħħan u nar li setgħu jqabbdu dar sħiħa. Dan ifisser li kienu diġà għamlu din l-iskoperta massiva tal-formula bażika tal-porvli, u kixxfu l-kumplessità misterjuża ta' din is-sustanza sa 200 sena qabel ma dan il-materjal splussiv ġie żviluppat fl-użu effettiv tal-porvli (fis-sena 1044 wara Kristu tul id-dinastija Sung).

Kien inevitabbli li l-ingredjent ewlieni tal-porvli kien se jispiċċa jintuża f'mijiet ta' tentattivi fit-tfittxija ta' eliżir taż-żgħożija. Id-disponibbiltà kbira tan-nitrat tal-potassju bħala qoxra bajda fuq ċertu ħamrija fiċ-Ċina wasslet għal snin ta' esperimentazzjoni bih. Wara kollox, il-kokijiet kienu qed jużawh biex iħawru l-ikel, bħalma kienu jużaw tipi oħrajn ta' melħ. Iżda sabu li f'temperaturi għoljin ('il fuq minn 335 grad), in-nitrat tal-potassju normalment stabbli kien jieħu n-nar jew jisplodi. Eventwalment, skoprew li l-porvli, jew, kif kienu jsejħulu ċ-Ċiniżi dak iż-żmien, "id-droga tan-nar", kien jirrikjedi n-nitrat tal-potassju fi tliet kwarti tal-volum tiegħu sabiex ikun effettiv. Ammonti iżgħar kienu jinħarqu imma ma kinux jirriżultaw fi splużjoni.

Il-kubrit (li jagħmel madwar 10% tal-porvli) jeżisti fi stat pur fin-natura u għandu potenzjal li jinħaraq. Meta dan jitħallat mal-faħam (li jagħmel 15% tal-porvli), li jifforma minn injam li jkun inħaraq f'ambjent mingħajr ossiġenu, jipprovdi l-karburant meħtieġ biex jitħallat man-nitrat tal-potassju u jirriżulta fil-porvli. Min jaf liem aċċident fil-kċina jew fil-laboratorju wassal għal din l-iskoperta ta' tant valur li oriġinat minn din it-taħlita ta' ingredjenti?

Il-kubrit jirreaġġixxi l-ewwel għall-introduzzjoni tas-sħana minn xrara jew fjamma u jieħu n-nar f'temperaturi relattivament baxxi (261 gradi ċentigradi). It-tqabbid tiegħu jiġġenera iżjed sħana li tqabbad il-faħam u tfarrak in-nitrat tal-potassju. L-ossiġenu miżmum fin-nitrat tal-potassju jiġi rrilaxxat u dan jirriżulta f'iżjed karburant. Il-faħam, li jaqbad f'temperatura ogħla mill-kubrit, jibqa' jaċċellera l-proċess. Il-gassijiet li joħorġu minn dan jespandu b'mod enormi u jirriżultaw f'dak l-effett ta' splużjoni qawwija tal-porvli. Għalhekk, it-tqabbid jittrasforma l-enerġija kimika maħżuna tal-porvli fl-enerġija termali tal-fjamma u l-enerġija mekkanika tal-gassijiet kompressati.

Hekk kif bdew jaraw li dawn it-taħlitiet ta' kimiċi bdew jipproduċu duħħan, fjammi, u/jew splużjonijiet, saret ċara li kien hemm il-ħtieġa għal xi tipi ta' kontenituri biex ikunu jistgħu jidderieġu dik l-enerġija u jutilizzawha. U kien minn dan il-kunċett li hareġ il-ġiġġifogu.

Finalment, sas-sena 1127 wara Kristu, iċ-Ċiniżi diġà kienu qed jużaw bombi splussivi tal-karti biex ifixxklu l-għedewwa tagħhom bl-istorbju u l-konfużjoni. Kien sa mitt sena wara (jiġifieri fis-sena 1231 wara Kristu) li bdew jużaw volumi akbar ta' nitrat tal-potassju qawwi biżżejjed li seta' jesplodi kisjiet tal-metall.

L-eqdem użu militari fuq skala kbira tad-"droga tan-nar" sal-1083 kien bħala żieda mal-vleġeġ bin-nar u bħala bombi inċendjarji li kienu jitwaddbu bil-katapulti. Is-suċċess ta' dawn l-armi malajr wassal biex iċ-Ċiniżi pprojbixxu l-esportazzjoni tan-nitrat tal-potassju u l-kubrit. Il-porvli sar monopolju Ċiniż.

Dawn ix-xeħtiet ta' "Bombi forma ta' Ragħad li Jriegħdu s-Smewwiet" setgħu jinstemgħu minn 33 mil 'il bogħod u setgħu jqabbdu erja ta' 40 jarda kwadra. Flimkien ma' lanez bin-nar (tubu ta' 2 piedi mimli bil-porvli u mqabbad ma' lanza twila) li kienu jitwaddbu, dawn l-armi kienu jintużaw kontra l-armati invadenti ta' iben Genghis-Khan fiċ-Ċina ta' Fuq.

M'hemmx xi ngħidu, dawn malajr ġew segwiti minn varjetà sħiħa ta' bombi. Filwaqt li n-nar u l-fjammi prodotti mill-porvli sawru l-interess inizjali ewlieni, l-użu ta' biċċiet żgħar tal-metall u taċ-ċeramika f'xi bombi u lanez bin-nar, u l-iżvilupp tar-rokits (f'nofs is-seklu 13 wara Kristu) wassal għall-kunċett tal-arma tan-nar. L-isparar tal-projettili ħa importanza akbar mill-isparar tan-nar.

Il-lanzieri tan-nar biddlu t-tubi tal-bambù tagħhom b'tubi tal-metall sabiex ikunu jistgħu jużaw trab b'qawwa akbar. Dawn kibru fid-daqs u saru kbar u tqal wisq biex ikun jista' jiflaħhom bniedem wieħed biss. Għalhekk, rabtuhom ma' frejmijiet jew ma' roti u bdew jissejħu 'żbroffaturi' peress li kienu jisparaw gzuz ta' vleġeġ, jew ammont ta' blalen tal-metall fl-istess ħin.

ikompli fil-ħarġa li jmiss ...



# IL-PROĠETT FENEK

MCAST

L-istudent. Faċli ħafna li l-kontribut u l-impatt li jista' jkollu student jiġi sottovalutat u jintesa. Nassumu li student postu fil-klassi, u l-kontribut tiegħu jibda la darba "jiggradwa". Però, l-verità ma tistax tkun aktar 'il bogħod minn hekk, u dan joħroġ ċar fix-xogħol li jsir mill-istudenti li jsegwu l-kors Bachelor of Science (Honours) in Animal Management and Veterinary Nursing ġewwa l-MCAST. Ser nippreżenta xi eżempji ta' dawn ix-xogħlijiet li ta' min wieħed japprezza.

Kif wieħed jista' jimmaġina, l-istudenti li jidħlu għal dan il-kors, ikollhom ħaġa waħda komuni- il-passjoni għas-settur tal-annimali. Ikun hemm studenti li ġejjin minn oqsma tal-ħajja differenti- min ġej minn qasam tal-biedja u t-trobbija tal-bhejjem, min dilettant tal-annimali domestiċi u min jixtieq li jiffoka fuq karriera veterinerija. Madanakollu, meta jidħlu għal biċċa xogħol, kulħadd jiġbed ħabel wieħed bl-iskop li jitgħallem.

Ma nistgħux ma nurux l-apprezzament tagħna għax-xogħol kollu li sar mill-istess studenti fejn tidħol ir-riċerka tal-fenek selvaġġ. U hawnhekk fejn tidħol il-kaċċa. Fil-grupp dejjem ikun hemm diversità ta' opinjonijiet- min hu kaċċatur jew ġej minn familja ta' kaċċaturi u min ma jaqbilx mal-kaċċa. Biss, meta jibda x-xogħol tara lil kulħadd jikkollabora u jfittex li jilħaq l-istess għan. Kif? Is-sigriet hu wieħed- il-lenti li wieħed iħares minnha.

Il-fenek selvaġġ hu uniku fil-fatt illi dan hu lokali u marbut m' artna. Ma jpassix bħal tajra li llum tisbaħ hawn u filgħaxija tkun qasmet lejn l-Afrika. U minħabba dan, il-mod kif il-kaċċatur iħares lejn il-fenek u l-kaċċa tiegħu għandu jkun differenti minn kaċċa tat-tjur. Jekk ma tiħux ħsiebu, faċli ħafna li jintilef. Il-kaċċatur jaf dan aktar minn kulħadd. U din l-imġieba u l-aspett ta' immaniġjar li joffri jintlaqa' tajjeb minn kulħadd- kaċċatur u mhux.

Ħa naqsam magħkom xi kontributi u xogħol li dawn l-istudenti għamlu u kif dan ressaqhom iktar lejn l-idea li l-kaċċa li tista' tkun edukata u sostenibbli. L-ewwel involviment kien dak ta' twettiq ta' awtopsji fuq fniek slavaġ, li mietu kawża ta' mard illi nġabru minn kaċċaturi inkwetati u ġew mgħoddija lilna. Dan huwa ta' għajnuna kbira biex nikkonfermaw il-mard li jkun prevalenti u nżommu moniteraġġ tar-rispons tal-popolazzjoni. Dawn l-istess studenti, aktar tard matul is-sena, iddedikaw ħin twil jgħaqqdu mal-50 kranju tal-fenek sabiex il-quddiem, minnhom tkun tista' tinġabar informazzjoni. Sabiex jitqanqal iktar interess fihom, bħala parti mill-eżamijiet tagħhom, sar eżerċizzju fejn huma ġew murija gallina provudta minn kaċċatur u kellhom iqabblu dak li hemm komuni bejn il-kranju tagħha u tal-fenek. Wieħed jista' jimmaġina kemm ħoloq interess dan l-eżerċizzju!

Grupp ieħor ta studenti involva ruħu ukoll b' mod attiv fil-moniteraġġ tat-territorju fejn jinsab il-fenek. L-istudenti ppartecipaw billi żanżnu teknika ta' ġbir ta' data u fuq pariri u l-esperjenzi tagħhom sar xi tibdil biex jiffaċilita l-proċess.

L-aħħar u mhux l-inqas kienu l-istudenti tal-klassi tal-Advanced Diploma in Animal Management and Veterinary Nursing li bnew u rranġaw l-ewwel post ta' tkattir tal-fniek fiċ-Ċentru tal-Agrikoltura, Akkwatika u Xjenzi tal-Annimali tal-MCAST.

M' hemmx xi ngħidu, importanti li kull attività jkollha marbut magħha sens edukattiv u li niżirgħu fl-istudenti tagħna l-idea li ma għandniex għaliex naqblu biex niġbdu ħabel wieħed. Fejn tidħol il-konservazzjoni, l-idea li kull stakeholder għandu kontribut x'jagħti u li jeħtieġ li naċċettaw lil xulxin biex naħdmu flimkien huma essenzjali. L-ambjent u l-ispeċi qed jaffaċċjaw sfidi kbar ħafna, u jekk dawk li b'xi mod jew ieħor iridu l-ġid ambjentali jinħlew fil-pika, kollox ser jintilef!









# RAPPORT SOMMARJU TAL-PROGRESS TAS-6 GAMIEMIET IMBRIGATI BIS-6 TRASMETTITURI GPS LI 'NĦELSU FIS-SELVAĠĠ FL-2022

minn Daniel Xriha

Fl-14 ta' Mejju 2022 fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Migrazzjoni tal-Ghasafar, il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) ħelset aktar minn 400 gamiema fis-selvaġġ minn Paradise Bay, il-Mellieha. L-ghasafar rilaxxati kienu ta' l-ewwel sena mill-proġett tal-FKNK "Turtle Doves Captive-breeding and Release into the Wild."

Grazzi ghal darb'ohra ghall-intervent ta' Ministru tal-Gvern appoġġjat minn Intrapriża Privata, fl-2022 ġew sponsorjati sitt "GPS Satellite Tracking Transmitters", li twahhlu ma imbrigatura fuq 6 frieh tal-ewwel sena mill-proġett tal-gamiem tal-FKNK, liema ghasafar imbaghad ġew rilaxxati fis-selvaġġ. Ġew irreġistrati l-piż u l-kejl tal-ġwienah ta' dawn l-ghasafar qabel ir-rilaxx, twahhal "split-ring" immarkat FKNK u l-ghasafar inghataw ukoll ismijiet. Ta' min jinnota wkoll li l-ghasafar jiġu mbrigati ġimgha qabel ir-rilaxx taghhom u mitluqa f'ġuva separata sabiex ikunu jistghu jidraw it-trasmittitur u sabiex ikunu osservati qabel ir-rilaxx eventwali taghhom fis-selvaġġ.

Nhar il-Ħamis 2 ta' Ġunju 2022, l-Onorevoli Ministru Silvio Schembri heles fis-selvaġġ l-ahhar, li semma Faith, mis-sitt gamiema simili rilaxxati matul dik il-ġimgha mill-FKNK, li kienu l-ghasafar armati bil-"GPS Transmitters".

Dan ir-rilaxx, sar mir-Razzett tal-Baghal, li kien twaqqaf mill-Kavallieri ta' Malta fis-seklu 16, ġewwa l-Ġonna tal-Buskett, u ilhu amministrata mill-FKNK mill-2015. Ir-rilaxx segwa s-suċċess inkoraġġanti tar-riżultati miksuba mill-FKNK is-sena l-ohra bir-rilaxx ta' gamiem iehor li kienu wkoll imbrigati bi trasmettituri simili. Permezz ta' dawn l-FKNK mmonitorjat il-vjaġġ ta' dawn il-gamiem lejn il-postijiet tat-tnissil ta' diversi pajjiżi fl-Ewropa ta' Fuq, u wkoll xi migrazzjoni lura tal-istess ghasafar. B'hekk ikun possibbli li jiġu identifikati ahjar dawk il-pajjiżi fejn ibejtu l-gamiem, l-istess pajjiżi meqjusa bhala l-popolazzjonijiet ta' referenza tal-gamiem li jpassi fil-gżejjer Maltin, u fuq liema popolazzjonijiet hija stabbilita l-kwota tal-kaċċa ghall-gamiem.

L-ahhar dejta tal-pożizzjoni li waslet minn 3 ghasafar imbrigati bil-GPS u rilaxxati din is-sena huma elenkati fit-tabella t'hawn taht, filwaqt li t-tliet ghasafar l-ohra ukoll imbrigati bil-GPS u rilaxxati b'mod simili ghadhom okkażjonalment qeghdin jibaghtu sinjali, pero' ghadhom ma rreġistraw l-ebda dejta tal-pożizzjoni.

Ghat-tieni sena konsekuttiva tidher li gamiema waqfet il-Bulgarija, filwaqt li gamiema ohra tidher li waqfet il-Kosovo, liema popolazzjoni ta' gamiema, bhal dak tal-Bulgarija, qatt ma kien meqjus bhala popolazzjoni ta' referenza ghall-ghasafar li jpassu fil-gżejjer Maltin. Ġie nnutat ghal darb'ohra li l-biċċa l-kbira tal-migrazzjoni sehhet matul il-lejl.

Fl-ahhar nett, minbarra l-ammont żghir ta' rkupri ta' ċrieket mill-ghasafar tal-proġett rilaxxati matul is-snin li s'issa ġew irreġistrati mill-Italja u Malta, l-ahhar rkupru ta' ċrieket sehh fis-16 ta' Settembru 2022. Is-Sur Khaled Mabri irrapporta lill-FKNK li żewġ gamiemiet biċ-ċrieki tal-FKNK numri 677 u 673 ġew irkuprati flimkien fl-istess jum tas-16 ta' Settembru 2022 fl-16:20 xi 50 Km fil-Lvant ta' Sirte fil-Libja. Dawn l-ghasafar, parti mir-rilaxx tal-31 ta' Mejju 2022 kienu fil-vjaġġ tar-ritorn taghhom lejn in-nofsinhar wara li jkunu vvjaġġaw lejn it-tramuntana fejn ibejtu f'Mejju.

| GPS Number: 232991 | GPS Number: 232994 | GPS Number: 232995 |
|---|---|---|
| Last Position Data on: | Last Position Data on: | Last Position Data on: |
| 24/06/2022 | 24/06/2022 | 08/08/2022 |
| Longitude: 15.07525 | Longitude: 26.12269 | Longitude: 20.67355 |
| Latitude: 37.84373 | Latitude: 42.26268 | Latitude: 42.79273 |
| Country: Castiglione – Sicily | Country: Nova Zagora – Bulgaria | Country: Balkans - Kosovo |












# AVVIŻ TA' TIĠDID 2023

**Il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) toffri diversi livelli ta' Sħubija**

**Fejn Tista Tinqeda:** L-Uffiċini tal-FKNK l-Imsida li se jkun miftuħ kull filgħaxija matul il-ġimgħa u s-Sibtijiet filgħodu

Għand l-Għaqda tad-Distrett tiegħek

**Kif ukoll f'wieħed mill-Ħwienet u Postijiet oħra hawn taħt indikati:**

Aquarium, The - Tarxien
Alan il-Gamblu - Fgura
Bad to the Bone - Marsascala
Badgera Pet Shop – Żejtun
Bezzina Joe - Żurrieq
Bruce Pet Shop - Rabat
Brumi - Żabbar
Doves Pet Shop – Birżebbuġa
Emmanuel Abela (IL-GRUN) - Mġarr
Executive Guns & Ammo – Żejtun
Field, The – Rabat
Fieldsports – Mellieħa
Għaqda Kaċċaturi Tiraturi Qriema – Qormi
GħKNK Qriema – Qormi
GħKNK Msida - Msida
GħKNK Żurrieq - Żurrieq
Għargħur Pet Shop - Għargħur
Godfrey Falzon Mapfre Middlesea - Naxxar
Godfrey Pisani Household Centre - San Ġiljan
Green Acres - Fgura
Greenspot - Pet & Garden – Qormi
Grima Fruit & Vegetables - Qawra
Guido Agius (Garage) - B'Kara
Gun & Cycle Supplier (TAR-ROTI) - Rabat
Gun & Rod Sports Shop - San Ġwann
Gun & Target (ĊIEQU) - Żebbuġ
Gun Shop (TAL-MAGRU) – Rabat
Gun Smoke – Bormla
Glivau Attard Mario - Birżebbuġa
Il-Ħarruba Petshop – Dingli
In-Namra (IT-TEWMA) – Żebbuġ
Joemar Petshop - Għaxaq
Kilo's Petshop – Rabat
Lantas – Żabbar
Merill/Verdun – Rabat
Merill 2 - Rabat
Michael Tanti (TAL-ISKRATAĊĊ) – Żurrieq
MSSF – Bidnija/Ta' Kandja
MS Petshop - Dingli
Mtarfa Pet Shop - Mtarfa
Natura Hobbies - Żejtun
Petcare Pet Shop - Żurrieq
Pet Stop – Żurrieq
Petland - Għaxaq
Pet Zone - Żejtun
Pintail, The - Qormi
Ranċiża Pet Shop – Siġġiewi
Raymond Borg (FURJULAK) - Qormi
Shooting Supplies – Mġarr
Sound Smart - Mosta
STG Imports (Tal-ARION) - Dingli
St. James Cycle Way (BUTTARU) -Żabbar
Ta' Frenċ - Siġġiewi
Ta' Frida – Mqabba
Tactic Arms - Balzan
Tal-Basli Pet Shop - Gudja
Tal-Pjazza - Luqa
Tarxien Veterinary Pharmacy – Tarxien
Tinkerbell Pet Shop - Żejtun
Tommy Auto Electrician - Żabbar
Tropical Bird Center - Żebbuġ
Valley Pet Shop - Marsaxlokk
Village Pet Shop - Żabbar
Windhagen (GEJTU) - Siġġiewi
Xażi Bar - Qormi
Xufi Petshop – Mosta

**U Ġewwa GĦAWDEX:**

Johnny Sultana (KANONK)–Id-Dura–Rabat Għawdex
J&J Petshop - Nadur
Mario – Hobbies – Rabat Għawdex
Pawlu taż-ŻEBBUĠ - Rabat Għawdex
Ta' Kola Gun Shop – Ix-Xagħra
Ta' Mallia (Angelo) - Victoria

138 Conception Street, Msida MSD 1831, Malta
T: (+356) 21 310 448 - M: (+356) 99 474 503
E: info@huntinginmalta.org.mt

**huntinginmalta.org.mt**

ANNIVERSARJU

# 'RENEWAL NOTICE' 2023

Il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) toffri diversi livelli ta' Sħubija lill-Membri tagħha kif jidher hawn taħt - BL-ISTESS PREZIJIET TAS-SENA 2022:

| Livell ta' Sħubija | Prezz ta' Sħubija |
|---|---|
| Nassab Biss (assigurazzjoni ma tapplikax) | €16.50 |
| Bronz | €35.00 |
| Fidda | €40.00 |
| Deheb | €50.00 |
| Deheb Ewropa | €70.00 |
| Deheb id-Dinja (eskl. USA u Canada) | €80.00 |

Il-'Master Policy' ta' l-FKNK, maħruga mill-Mapfre Middlesea, toffri diversi livelli ta' benefiċċji skond il-Livell ta' Sħubija li tagħżel kif jidher hawn taħt:

| Limiti ta' Kunpens-Sommom Assigurati | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Livell ta' Sħubija | Risponsabbilta' Lejn Terzi | Inċident Personali | Riskji Sħaħ (Armi) | Spejjes Legali (għall-Gżejjer Maltin biss) |
| KAĊĊATUR - JISTA JKUN MEMBRU B'XEJN UKOLL FIL-'FKNK SHOOTING CLUB' | | | | |
| *Bronz* | € 125,000.00 | Ma tapplikax | Ma tapplikax | Ma tapplikax |
| *Fidda* | € 125,000.00 | € 25,000.00 | *'Market Value' tal-Arma/i* | Ma tapplikax |
| *Deheb* | € 250,000.00 | €40,000.00 | *'Market Value' tal-Arma/i* | € 1,165.00 |
| *Deheb Ewropa* | € 250,000.00 | €40,000.00 | *'Market Value' tal-Arma/i* | € 1,165.00 |
| *Deheb id-Dinja* (eskl. USA uCanada) | € 250,000.00 | € 40,000.00 | *'Market Value' tal-Arma/i* | € 1,165.00 |

138 Conception Street, Msida MSD 1831, Malta
T: (+356) 21 310 448 - M: (+356) 99 474 503
E: info@huntingmalta.org.mt

**hunting in malta.org.mt**

50

ANNIVERSARJU

FEDERAZZJONI KAĊĊATURI NASSABA KONSERVAZZJONISTI

F K N K

# L-GĦAQDA TIEGĦEK

## FEJN BĦALA MEMBRU TGAWDI MINN BENEFIĊĊJI TA'

SĦUBIJA FL-AKBAR ORGANIŻAZZJONI MHUX GOVERNATTIVA FIS-SOĊJETA' MALTIJA;

IL-LEĦEN TAL-KAĊĊATURI U N-NASSABA;

L-INSIB TAL-GĦASAFAR TAL-GĦANA;

IL-KAĊĊA TAL-GAMIEM FIR-REBBIEGĦA;

RAPPREŻENTANZA UNIKA FL-EWROPA U FID-DINJA;

RAPREŻENTANZA FIL-KUMITAT ORNIS;

D-DRITT TA' PARTEĊIPAZZJONI F'DIVERSI ATTIVITAJIET MATUL IS-SENA;

ABBONAMENT FIL-GAZETTA MID-DURA;

SĦUBIJA FL-ORGANIŻAZZJONI BI KWALIFIKI PROFESSJONALI XJENTIFIĊI, ESPERJENZA VASTA, KUNTATTI NEĊESSARJI U FINANZI U RISORSI FIS-SOD.

## MELA ĠEDDED IS-SĦUBIJA U L-ASSIGURAZZJONI TIEGĦEK TAL-2023 MAL-FKNK